**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-baġits*

**2024/0159(NLE)**

26.11.2024

# ABBOZZ TA’ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-tal-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni (2024-2029) għall-Ftehim ta’ Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau
(COM(2024)0285 – C10-0108/2024 – 2024/0159(NLE))

Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja: Jean-Marc Germain

PA_LegEvaluation

## VALUTAZZJONI BAĠITARJA

**tal-Kumitat għas-Sajd dwar il-il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2024-2029) għall-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (COM(2024)0285 – C10-0108/2024 – 2024/0159(NLE))**

Bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Baġits ħareġ valutazzjoni tal-proposta u kkonkluda dan li ġej:

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[2], u b'mod partikolari l-punt 20 tiegħu,

A. billi l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-perjodu kollu tal-Protokoll tammonta għal EUR 85 000 000 (jiġifieri EUR 17 000 000 fis-sena) ibbażata fuq:
(a) ammont annwali ta' EUR 12 500 000 għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau; u
(b) ammont speċifiku ta' EUR 4 500 000 fis-sena b'appoġġ għall-politika settorjali tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau;

B. billi l-implimentazzjoni tal-Protokoll teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzonijiet deċimali)

| DG MARE | | | Year N | Year N+1 | Year N+3 | Year N+4 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| □ Operational appropriations | | | | | | | |
| Budget line 08.05.01 | Commitments | (1a) | 17.000 | 17.000 | 17.000 | 17.000 | **85.000** |
| | Payments | (2 a) | 17.000 | 17.000 | 17.000 | 17.000 | **85.000** |

1. Jinnota li l-appoġġ allokat għall-Protokoll għandu jilħaq l-objettivi tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, tal-akkwakultura, tal-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani, tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u tal-ekonomija blu; iqis li dan għandu jiġi skrutinizzat bir-reqqa biex jiġi żgurat li dan isir b'mod effettiv matul l-implimentazzjoni tal-Protokoll; josserva li l-appoġġ għandu rabta diretta mal-prinċipji

[1] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
[2] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

tal-Ftehim ta' Samoa billi jsaħħaħ l-azzjoni esterna fil-konfront tal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u jqis, b'mod partikolari, l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem, isaħħaħ il-preżenza tal-Unjoni fir-reġjun u l-kooperazzjoni ma' sieħeb strateġiku importanti;

2. Jirrakkomanda li, għall-ftehimiet futuri, titqies valutazzjoni tal-impatt tal-valur miżjud u tal-vantaġġi soċjoekonomiċi li jirriżultaw mill-ftehim preċedenti; iqis li din il-valutazzjoni għandha tiggwida n-negozjati u t-tiġdid tal-ftehimiet sussegwenti bil-għan li jiġi żgurat li jkunu allinjati mal-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli u mal-użu effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni;

3. Jinnota li l-Protokoll mal-Guinea-Bissau ġie ffirmat fit-18 ta' Settembru 2024;

4. Jinnota li t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet għal ammont ta' EUR 17 000 000 f' approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 12 500 000 f' approprjazzjonijiet ta' pagament, mitlub mill-Kummissjoni f'DEC 07/2024 u approvat mill-awtorità baġitarja, għamel disponibbli l-approprjazzjonijiet rispettivi fil-linja operattiva 08 05 01 għall-2024;

5. Jisħaq li l-programmazzjoni finanzjarja tal-linja 08 05 01 jeħtieġ li tkun biżżejjed biex tieħu kont tal-obbligi finanzjarji fis-snin 2025-2027, suġġetta għad-deċiżjoni tal-awtorità baġitarja fil-proċeduri baġitarji annwali; josserva, f'dan ir-rigward, li l-linja 08 05 01 fl-abbozz tal-baġit 2025 u fil-Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit 2025 jinkludu ammont ta' EUR 150 560 000 f'approprjazzjoni ta' impenn u EUR 135 275 000 f'approprjazzjoni ta' pagament; jitlob skrutinju rigward l-ipprogrammar finanzjarju tal-linja 08 05 01 fil-baġits annwali tal-2026 u l-2027;

6. Ifakkar li f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju, il-finanzjament tal-UE jeħtieġ li jirrispetta l-prinċipju tal-effiċjenza u l-effikaċja flimkien ma' ġestjoni finanzjarja tajba sabiex l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-baġit tal-UE jilħaq bis-sħiħ l-objettivi tiegħu; jemmen li kwalunkwe ċirkomvenzjoni possibbli ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli tal-UE, inkluż, pereżempju, dak mal-Guinea-Bissau, minn dgħajjes Ewropej jew bastimenti b'rabtiet ta' sjieda jew ġestjoni ma' kumpaniji Ewropej li jbaħħru u jistadu taħt bnadar lokali toħloq riskju għall-ġestjoni finanzjarja tajba u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tippreżenta analiżi tal-impatt ta' tali ċirkomvenzjoni fuq l-effiċjenza u l-effikaċja tal-implimentazzjoni lill-Awtorità Baġitarja u tieħu miżuri korrettivi jekk ikun meħtieġ;

7. Jikkonkludi li l-Kumitat għall-Baġits jinsab f'pożizzjoni li jagħti parir lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Guinea-Bissau.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL VALUTAZZJONI BAĠITARJA RĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2024–2029) għall-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau |
| **Referenzi** | 12475/2024 – C10-0108/2024 – 2024/0159(NLE) |
| **Kumitat(i) responsabbli** | PECH |
| Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>10.10.2024 |
| **Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja**<br>Data tal-ħatra | Jean-Marc Germain<br>7.10.2024 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.10.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.11.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 5<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Georgios Aftias, Isabel Benjumea Benjumea, Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Thomas Geisel, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Fabienne Keller, Janusz Lewandowski, Giuseppe Lupo, Ignazio Roberto Marino, Fernando Navarrete Rojas, Matjaž Nemec, Danuše Nerudová, Ruggero Razza, Bogdan Rzońca, Hélder Sousa Silva, Nicolae Ştefănuță, Joachim Streit, Carla Tavares, Nils Ušakovs, Auke Zijlstra |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Moritz Körner, Tiago Moreira de Sá |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Christophe Bay, Udo Bullmann, Andrzej Buła, Gheorghe Falcă, Ştefan Muşoiu, Jan-Christoph Oetjen |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI VALUTAZZJONI BAĠITARJA

| 26 | + |
|---|---|
| ECR | Ruggero Razza, Bogdan Rzońca |
| NI | Thomas Geisel |
| PPE | Georgios Aftias, Isabel Benjumea Benjumea, Andrzej Buła, Gheorghe Falcă, Janusz Lewandowski, Fernando Navarrete Rojas, Danuše Nerudová, Hélder Sousa Silva |
| PfE | Tiago Moreira de Sá |
| Renew | Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Joachim Streit |
| S&D | Udo Bullmann, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Giuseppe Lupo, Ştefan Muşoiu, Matjaž Nemec, Carla Tavares, Nils Ušakovs |
| Verts/ALE | Ignazio Roberto Marino, Nicolae Ştefănuţă |

| 5 | - |
|---|---|
| PfE | Christophe Bay, Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Auke Zijlstra |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni